# L-GHASRI 50 sena ilu

Tagħrif miġbur minn Toni Calleja

***Daħla:***

It-tagħrif ta' din il-kitba huwa meħud prinċipalment mir-rapport taċ-Ċensiment miżmum fil-Gżejjer Maltin nhar **it-Tnejn 14 ta' Ġunju, 1948**. Dan iċ-ċensiment kien sar taħt il-liġi l-ġdida dwar iċ-ċensimenti, teknikament magħrufa bħala: *'l-Att nru. II ta' l-1948 li jirregola ċ-ċensimenti'*. Ir-rapport uffiċjali kien ġie stampat fil-*'Progress Press Co. Ltd.'* u kien jinbiegħ *15/-* (75ċ). Dan kien iċ-Ċensiment nru. 11 miżmum f'dawn il-gżejjer taħt il-ħakma Ingliża. Iċ-ċensimenti preċedenti saru b'mod regolari f'intervalli ta' għaxar snin bejn 'il wieħed u l-ieħor — apparti bejn ta' l-ewwel u t-tieni meta allura kienu laħqu għaddew biss disa' snin: 1842, 1851, 1861, 1871, 1881, 1891, 1901, 1911, 1921 u 1931. Minħabba li fl-1941, il-gżejjer tagħna kienu fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija, ovvjament, ma kienx mument li jsiru ċensimenti! Bħalma diġa aċċennajna, iċ-ċensiment sar fl-1948 — 50 sena ilu.

Ir-rapport ta' dan iċ-ċensiment huwa wieħed dettaljat ħafna — kif wara kollox kienu dawk preċedenti — u għal min il-figuri u ċ-ċifri ma jdejquhx, bi ftit ta' l-immaġinazzjoni u ħafna studju jista' jasal għal ċerti konklużjonijiet interessanti li jkomplu jixħtu aktar dawl fuq il-ħajja u l-istorja soċjali ta' ġensna. Għall-finijiet ta' din il-kitba, l-interess partikulari tagħna, kif appuntu jidher fit-titlu, ser ikun dwar ir-raħal ċkejken ta' l-Għasri.

***Il-popolazzjoni:***

Ir-rapport jibda billi jqabbel il-popolazzjoni raħal, raħal u belt, belt skond l-aħħar ħames ċensimenti li saru. Ta' l-Għasri huma dawn:

| **Sena** | **1901** | **1911** | **1921** | **1931** | **1948** |
|---|---|---|---|---|---|
| Totali | 467 | 428 | 409 | 467 | 594 |
| Maskili | 223 | 212 | 191 | 214 | 287 |
| Feminili | 244 | 216 | 218 | 253 | 307 |
| Densità | 1,086 | 995 | 951 | 1,086 | 1,381 |

Fiċ-ċensimenti tal-1901, 1911, 1921 u l-1931, l-Għasri dejjem ħareġ bħala l-iżgħar raħal tal-gżejjer Maltin. Fiċ-ċensiment ta' din id-darba, voldieri dak ta' 50 sena ilu, ir-raħal tagħna kien it-tieni l-iżgħar wieħed... iċken minnu, kien hemm biss San Lawrenz b'popolazzjoni ta' 413-ir ruħ ... 181 ruħ iċken mill-Għasri.

Skond ir-rapport, nhar l-14 ta' Ġunju, 1948, **nies imwielda l-Għasri** kien hemm total ta' 575 ruħ jew 0.19% tal-popolazzjoni ntiera tal-gżejjer Maltin. Minnhom, 278 kienu maskili (irġiel) u 297 feminili (nisa).

**Imwielda u joqgħodu l-Għasri** kien hemm 492 ruħ jew 0.16% tal-popolazzjoni Maltija globali; 243 tas-sess maskili u 249 feminili.

Allura, fil-jum taċ-ċensiment, nies imwielda l-Għasri u li però għal xi raġuni jew oħra ma kienx għadhom joqgħodu f'raħal twelidhom kien hemm 83 ruħ (575-492 = 83); 35 maskili u 48 feminili. Kienu joqgħodu: Valletta - 5; Floriana - 1; Ħamrun - 5; Marsa - 4; Qormi - 1, Paola (Raħal il-Ġdid) - 2; Sliema - 3; San Ġiljan - 1; Rabat (Malta) - 2; Naxxar -1; Żurrieq - 1; Victoria - 20; Kerċem u Santa Luċija - 9; Żebbuġ (Għawdex) - 11; Għarb - 7; San Lawrenz - 2; Xewkija - 2; Nadur - 1; Għajnsielem u Mġarr -3.

Bħalma diġa semmejna, nhar it-Tnejn 14 ta' Ġunju, 1948, voldieri fil-jum taċ-ċensiment, nies imwielda l-Għasri u joqgħodu l-Għasri kien hemm 492; minnhom 243 kienu maskili u 249 feminili. Fl-istess jum, nies b'kollox joqgħodu l-Għasri kien hemm 594. Fi kliem aktar sempliċi, jirriżulta li fil-jum taċ-ċemsiment, fost l-abitanti ta' l-Għasri, kien hemm 102 persuni ( 594-492 = 102) li ġew minn barra r-raħal. Insibu li dawn ġew: **3** (feminili) mill-Marsa; **22** (12 maskili u 10 feminili) mir-Rabat (Għawdex); **3** (1 maskili u 2 feminili) minn Kerċem u Santa Luċija; **3** (2 maskili u 1 feminili) miż-Żebbuġ (Għawdex); **61** (26 maskili u 35 feminili) mill-Għarb; **3** (feminili) minn San Lawrenz; **1** (feminili) mix-Xewkija; **4** (2 maskili u 2 feminili) mill-Qala; din kienet il-familja tal-Kappillan Dun Manwel Xerri; **1** (feminili) minn Għ'sielem u Mgarr; **1** (maskili) mhux magħruf mnejn.

***Noti:*** **i)** Inklużi ma' dawk imwielda u joqgħodu l-Għasri, ir-rapport isemmi raġel li kien ilu joqgħod l-Għasri bejn l-10 u 15-il sena u sitta oħra (3 maskili u 3 feminili) li t-tul tar-residenza tagħhom fir-raħal ma kienitx magħrufa. Irridu nifhmu li dawn is-seba' persuni, allura, minkejja li mwielda u jabitaw fl-Għasri, kienu għamlu xi żmien imsiefra jew joqgħodu band'oħra (ara Tabella 18, p. 125).

**ii)** L-Għasri u San Lawrenz kienu l-unici żewġ postijiet fil-gżejjer Maltin li fihom ma kienux jabitaw frustieri (ara Tabella 12, p. 15).

***L-etajiet ta' l-abitanti Għasrin:***

| Età | *0-4* | *5-9* | *10-14* | *15-19* | *20-24* | *25-29* | *30-34* | *35-39* | *40-44* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 71 | 51 | 57 | 60 | 49 | 35 | 21 | 32 | 35 |
| Maskili | 37 | 26 | 25 | 30 | 20 | 18 | 12 | 18 | 10 |
| Feminili | 34 | 25 | 32 | 30 | 29 | 17 | 9 | 14 | 25 |

| Età | *45-49* | *50-54* | *55-59* | *60-64* | *65-69* | *70-74* | *75-79* | *80-84* | *85-89* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 39 | 42 | 26 | 35 | 10 | 17 | 7 | 5 | 2 |
| Maskili | 16 | 18 | 16 | 15 | 7 | 12 | 3 | 2 | 2 |
| Feminili | 23 | 24 | 10 | 20 | 3 | 5 | 4 | 3 | — |

***L-istat konjugali ta' dawk minn 15-il sena 'l fuq:***

| TOTAL | | | MASKILI | | | FEMINILI | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *Ċelebi* | *Miżżewġin* | *Romol* | *Ċelebi* | *Miżżewġin* | *Romol* | *Ċelebi* | *Miżżewġin* | *Romol* |
| 219 | 171 | 25 | 103 | 84 | 12 | 116 | 87 | 13 |

***Noti:*** **i)** L-iżgħar mara miżżewġa kellha bejn il-15 u d-19-il sena filwaqt li l-iżgħar raġel miżżeweġ kien hemm tnejn li kellhom bejn l-20 u l-24 sena.
**ii)** L-iżgħar armla kellha bejn l-40 u l-44 sena filwaqt li l-iżgħar armel kellu bejn l-50 u 54 sena.

***L-edukazzjoni (jew in-nuqqas tagħha) fost il-poplu:***

Fil-jum taċ-ċensiment, voldieri nhar l-14 ta' Ġunju, 1948, fl-Għasri, il-popolazzjoni ta' minn seba' snin 'il fuq kienet tammonta għal **503** (241 maskili u 262 feminili). Minnhom, **38** (20 maskili u 18 feminili) kienu jafu jaqraw biss; **222** (102 maskili u 120 feminili) kienu jafu jaqraw u jiktbu. Illetterati kien hemm **243** (119 maskili u 124 feminili) *(ara Tabella 46, p. 273).*

| Ċensiment: (Sena) | Popolazzjoni: (Għasri: Globali) | Illetterati: (10 snin 'il fuq) | Persentaġġi: | + jew - |
|---|---|---|---|---|
| 1911 | 428 | 321 | 75% | — |
| 1921 | 409 | 321 | 78.48% | + 3.5% |
| 1931 | 467 | 254 | 54.39% | - 24.09% |
| 1948 | 594 | 241 | 40.57% | - 13.82% |

***Il-formazzjoni tal-każati:***

Fl-1948, każati mgħammra bin-nies, fl-Għasri, kien hemm 144. Fi 17 minnhom kienet toqgħod biss persuna waħda; 49 komposti minn żewġ persuni sa tlieta; 51 każata b'4 sa 6; djar okkupati minn 7 sa 9 persuni kien hemm 24 filwaqt li tliet każati oħra kienu familji kbar — b'bejn 10 sa 14-il membru.

Il-qofol tal-144 dar abitata fl-Għasri kienu b'żewġ sulari. Infatti, minnhom, sittax biss kienu b'sular wieħed. Issa, minn dawn il-144 dar abitata, 84 biss minnhom kellhom *'il-Kamra tas-Sodda'*; is-60 l-oħra lanqas din ma kellhom! Imsieken! Allura, bilfors... kienu jorqdu fil-*'Kamra tat-Tiben'*! Dan kien il-bieraħ ... biss 50 sena ilu! Imma hux tassew ... kienux veru ta' min jitħassarhom dawn l-għeżież missirijietna u ommijietna?! Fil-bqija ta' l-irħula l-oħra, il-kundizzjoni xejn ma kienet aħjar ... f'ċerti rħula s-sitwazzjoni kienet pjuttost aktar imwiergħa! Imsieken!

***Il-postijiet tax-xogħol:***

Fil-jum taċ-ċensiment, voldieri nhar l-14 ta' Ġunju, 1948, Għasrin jaħdmu bi qliegħ kien hemm 181 ruħ (irġiel u nisa) jew 30.47% tal-popolazzjoni ntiera tar-raħal. Il-postijiet tax-xogħol tagħhom kienu: **biedja - 149; sajjieda - 1;** ***Water (Board)*** **- 1; furnara - 3; ħajjata - 1; produzzjoni tal-bricks jew madum - 1** (raġel li kien jipproduċi s-sollijiet tal-mużajk għall-għetiebi tal-bibien ta' barra; kien armat fi Triq il-Knisja — illum Triq Salvu Gambin); **fil-kostruzzjoni - 10** (bennejja, naġġara eċċ.); **trasport** (*char-à-banc, taxi,* karettuni u trakkijiet) - 2; **bil-ħanut tal-merċa - 3; bejjiegħa tal-pitrolju eċċ. - 1; edukaturi - 2** (kienu żewġ għalliema); **Saħħa - 2** (kienu żewġ nisa, servjenti fl-isptarijiet tal-Gvern); **Reliġjon - 3** (kienu tliet saċerdoti); **fis-Servizz Pubbliku - 2** (kienu żewġ ħaddiema rġiel mal-*Public Works*).